MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 309/2011

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Jeraldine Murray (Id. 49990A).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ elf, u erba u ghoxrin ewro u erba u sebghin centezmu (€1,024.74) minghand il-konvenuta, in konnessjoni ma servizzi rezi lilha mis-socjeta’ attrici. U peress illi l-konvenuta baqghet inadempjenti, kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-ahhar pagament u cioe mill-24 ta’ Novembru 2009, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta’ elf, u erba u ghoxrin ewro u erba u sebghin centezmu (€1,024.74), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.   L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------